

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Opinjoni 28/2020 dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Spanjola fir-rigward tar-Regoli Korporattivi Vinkolanti tal-Kontrollur ta' Iberdrola Group

Adottata fit-8 ta' Diċembru 2020

Werrej

1	SOMMARJU TAL-FATTI	4
2	VALUTAZZJONI.....	5
3	KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET.....	5
4	RIMARKI FINALI	6

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(f) u l-Artikolu 47 tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ŻEE") u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 154/2018 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Billi:

(1) Ir-rwol prinċipali tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem l-"EDPB") huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-ŻEE kollha. Għal dan il-għan, isegwi mill-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR li l-EDPB għandu joħroġ opinjoni f'każijiet meta awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem "SA") ikollha l-għan li tapprova regoli korporattivi vinkolanti (minn hawn 'il quddiem "BCRs") fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 47 tal-GDPR.

(2) L-EDPB jilqa' u jirrikonoxxi l-isforzi li l-kumpaniji jagħmlu biex jirrispettaw l-istandards tal-GDPR fl-ambjent globali. Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza skont id-Direttiva 95/46/KE, l-EDPB jafferma r-rwol importanti tal-BCRs li jpoġġu f'qafas it-trasferimenti internazzjonali u l-impenn tiegħu li jappoġġa lill-kumpaniji biex jistabbilixxu l-BCRs tagħhom. Din l-opinjoni hija mmirata lejn dan l-oġġettiv u tqis li l-GDPR saħħaħ il-livell ta' protezzjoni, kif rifless fir-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-GDPR, u ta lill-EDPB il-kompitu li joħroġ opinjoni dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-SA kompetenti (Ewlenija tal-BCR) li għandu l-għan li japprova l-BCRs. Dan il-kompitu tal-EDPB għandu l-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, inkluż mill-SAs, il-kontrolluri, u l-proċessuri.

(3) B'konformità mal-Artikolu 46 (1) tal-GDPR, fin-nuqqas ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 45(3), kontrollur jew proċessur jista' jittrasferixxi *data* personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss jekk il-kontrollur jew il-proċessur ikun ipprova salvagwardji xierqa, u b'kundizzjoni li jkunu disponibbli drittijiet infurzabbli tas-suġġett tad-*data* u rimedji legali effettivi għas-suġġetti tad-*data*. Grupp ta' impriżi jew grupp ta' intrapriżi involuti f'attività ekonomika konġunta jistgħu jipprovdu tali salvagwardji bl-użu ta' BCRs legalment vinkolanti, li espressament jagħtu drittijiet infurzabbli lis-suġġetti tad-*data* u jissodisfaw serje ta' rekwiżiti (l-Artikolu 46 tal-GDPR). Ir-rekwiżiti speċifiċi elenkati fil-GDPR huma l-punti minimi li l-BCRs għandhom jispeċifikaw (l-Artikolu 47(2) tal-GDPR). Il-BCRs huma soġġetti għal approvazzjoni mill-SA kompetenti, f'konformità mal-mekkaniżmu ta' konsistenza stipulat fl-Artikolu 63 u l-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR, dment li l-BCRs jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 47 tal-

¹ Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'din l-opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

GDPR, flimkien mar-rekwiżiti stipulati fid-dokumenti ta' ħidma rilevanti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29², approvati mill-EDPB.

(4) Din l-opinjoni tkopri biss il-konsiderazzjoni tal-EDPB li l-BCRs sottomessi għall-opinjoni meħtieġa joffru salvagwardji xierqa fis-sens li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 47 tal-GDPR u l-WP256 rev01 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, kif approvati mill-EDPB³. Għaldaqstant, din l-opinjoni u r-rieżami tal-SA ma jindirizzawx l-elementi u l-obbligi tal-GDPR imsemmi fil-BCRs inkwistjoni minbarra dawk relatati mal-Artikolu 47 tal-GDPR.

(5) Il-WP256 rev.01 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, kif approvat mill-EDPB, jipprevedi l-elementi meħtieġa għall-BCRs għall-kontrolluri (minn hawn' il quddiem "BCR-C"), inkluż il-Ftehim Intra-Kumpanija fejn applikabbli, u l-formola tal-applikazzjoni. Il-WP264 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, kif approvat mill-EDPB, jipprevedi r-rakkomandazzjonijiet għall-applikanti biex jgħinuhom juru kif jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-GDPR u l-WP256 rev01. Barra minn hekk, il-WP264 jinforma lill-applikanti li kwalunkwe dokumentazzjoni li tiġi sottomessa tkun soġġetta għal aċċess għal talbiet ta' dokumenti f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tal-SAs. L-EDPB huwa soġġett għar-Regolament 1049/2001⁴ skont l-Artikolu 76(2) tal-GDPR.

(6) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-BCRs previsti mill-Artikolu 47(1) u (2) tal-GDPR, kull applikazzjoni għandha tiġi indirizzata individwalment u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe BCR oħra. L-EDPB ifakkar li l-BCRs għandhom jiġu adattati biex iqisu l-istruttura tal-grupp ta' kumpaniji li japplikaw għalihom, l-ipproċessar li jwettqu u l-politiki u l-proċeduri li għandhom fis-seħħ biex jipproteġu *data* personali.⁵

(7) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata, skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fi żmien tmien ġimgħat wara li l-President ikun ddeċieda li l-fajl huwa komplut. Mad-deċiżjoni tal-President tal-EDPB, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra, skont il-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. F'konformità mal-proċedura ta' kooperazzjoni kif stabbilita fid-WP263 rev.01, l-abbozz tal-BCR-C tal-Grupp Iberdrola ġie rieżaminat mill-Awtorità Superviżorja Spanjola (Agencia Española de Protección de Datos) bħala l-awtorità superviżorja ewlenija (minn hawn 'il quddiem "l-SA ewlenija tal-BCR").

² Il-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi dwar l-ipproċessar ta' *Data* Personali mwaqqaf permezz tal-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE.

³ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, id-Dokument ta' Ħidma li jstabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li jinsabu fir-Regoli Korporattivi Vinkolanti, kif l-aħħar riveduti u adottati fis-6 ta' Frar 2018, il-WP 256 rev.01.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

⁵ Din il-fehma kienet espressa mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fid-Dokument ta' Ħidma dwar l-Istabbiliment ta' qafas għall-istruttura ta' Regoli Korporattivi Vinkolanti, adottat fl-24 ta' Ġunju 2008, il-WP154.

2. L-SA Ewlenija tal-BCR issottomettiet l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha dwar l-abbozz ta' BCR-C ta' Iberdrola Group, u talbet l-opinjoni tal-EDPB skont l-Artikolu 64(1)(f) tal-GDPR fil-25 ta' Settembru 2020. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittiegħdet fid-9 ta' Ottubru 2020.

2 VALUTAZZJONI

3. L-abbozz tal-BCR-C ta' Iberdrola Group ikopri l-ipproċessar ta' *data* personali trasferita, direttament jew indirettament, minn kumpanija tal-grupp stabbilita fiż-ŻEE lil kumpanija ta' grupp mhux stabbilita f'pajjiż taż-ŻEE, inklużi t-trasferimenti inizjali kif ukoll trasferimenti ulterjuri.
4. Is-suġġetti tad-*data* kkonċernati jinkludu l-kandidati, l-impjegati, il-fornituri, il-voluntiera, il-parteċipanti fl-avvenimenti u l-parteċipanti fil-kompetizzjonijiet tal-boroż ta' studju tal-masters u l-benefiċjarji tagħhom.
5. L-abbozz tal-BCR-C tal-Grupp Iberdrola ġie skrutinizzat skont il-proċeduri stabbiliti mill-EDPB. L-SAs miġbura fi ħdan l-EDPB ikkonkludew li l-abbozz tal-BCR-C tal-Iberdrola Group fih l-elementi kollha meħtieġa skont l-Artikolu 47 tal-GDPR u d-WP256 rev01, f'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-SA ewlenija tal-BCR sottomess lill-EDPB għal opinjoni. Għaldaqstant, l-EDPB ma għandu l-ebda tħassib li jeħtieġ jiġi indirizzat.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

6. Filwaqt li jqis dan ta' hawn fuq u l-impenji li l-membri tal-grupp se jieħdu billi jiffirmaw il-Ftehim Intra-Grupp tal-Iberdrola Group, l-EDPB iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni tal-SA ewlenija tal-BCR jista' jiġi adottat kif inhu, peress li l-abbozz tal-BCR-C tal-Iberdrola Group fih salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi ggarantit mill-GDPR ma jiġix imminat meta d-*data* personali tiġi ttrasferita lil u pproċessata mill-membri tal-grupp ibbażati f'pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, l-EDPB ifakkar ukoll id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 47(2)(k) tal-GDPR u l-WP256 rev.01 li jipprevedu l-kundizzjonijiet li taħthom l-applikant jista' jimmodifika jew jaġġorna l-BCRs, inkluż l-aġġornamenti fil-lista tal-membri tal-grupp tal-BCRs.

4 RIMARKI FINALI

7. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-SA Ewlenija tal-BCR u se ssir pubblika skont l-Artikolu 64 (5)(b) tal-GDPR.
8. F'konformità mal-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-SA Ewlenija tal-BCR għandha tikkomunika t-tweġiba tagħha għal din l-opinjoni lill-President fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi l-opinjoni.
9. F'konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR, l-SA Ewlenija tal-BCR għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-EDPB għall-inklużjoni fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza.
10. F'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea C-311/187⁶, hija r-responsabbiltà tal-esportatur tad-*data* fi Stat Membru, jekk ikun meħtieġ bl-għajjnuna tal-importatur tad-*data*, li jivvaluta jekk il-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-dritt tal-UE huwiex irrispettat fil-pajjiż terz ikkonċernat, sabiex jiġi ddeterminat jekk fil-prattika jistax ikun hemm konformità mal-garanziji provduti mill-BCRs, filwaqt li titqies l-interferenza possibbli maħluqa mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz mad-drittijiet fundamentali. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-esportatur tad-*data* fi Stat Membru, jekk meħtieġ bl-għajjnuna tal-importatur tad-*data*, għandu jivvaluta jekk jistax jipprovdi miżuri supplimentari biex jiżgura livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni kif previst fl-UE.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

⁶ QĠUE, *Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Ltd and Maximilian Schrems*, 16 ta' Lulju 2020, C-311/18.